# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 38

**It-Tlieta, 1 ta' Ġunju, 2021.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sur Sindku, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku (ċerman) |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud (MM) | Kunsillier |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsillier (onlajn) |
| | |
| Membri tal-Pubbliku: | NIL |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

NIL

**ASSENTI**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Il-viċi Sindku, ippresjeda.

## Minuti

## 38.01 Qari tal-ittri t' apoloġija

38.01.01 NIL

## 38.02 Approvazzjoni tal-Minuti (35 / 36 / 37)

Minuti 35

38.02.01 Inġibdet l-attenzjoni minn (AC), sabiex f' para. 35.07.02, fl-aħħar vers tiżdied bil-kliem 'forma ta' kaxxa'. F' para 35.11.02 titneħħa l-votazzjoni, għaliex ma kienx hemm bżonna. F'para 35.12.13 jiżdiedu wkoll il-viċi Sindku u l-kunsillier (MM). F' para 35.12.13, fl-aħħar vers tiżdied ' u tintbagħat ittra uffiċjali'. F' para 35.12.16 jitneħħa l-vers ta' qabel tal-aħħar.

38.02.02 Inġibdet l-attenzjoni minn (JBD) li l-fondazzjoni LEAP m'għadiex teżisti, iżda minflok tinkiteb FSWS.

Prop: (AC) Sek: (JBD)

Minuti 36

38.02.03 Inġibdet l-attenzjoni minn (MM), sabiex f' para. 36.02.09 titneħħa l-kelma 'ashtrays' u tinbidel fil-kelma 'containers'.

38.02.04 Inġibdet l-attenzjoni minn (DP), sabiex f' para. 36.02.11, fl-aħħar tal-paragrafu tiżdied sentenza li tgħid: Mill-1 ta' Jannar 'l hawn, kemm instabu ksur li ma kienux konformi mal-liġi, u kemm il-vapur kien hemm li ma kienx qiegħed juża' l-fuel, kif titlob l-IMO 2020.

38.02.05 (AC) talab sabiex fl-aħħar ta' para. 36.02.15 titneħħa l-kelma: 'jinbeda x-xogħol' u tinbidel fil-kelmiet: 'jagħtu l-pjanta'. F' para. 36.02.19 jitneħħew il-kliem: 'is-siġra tal-ħarruba' u minflok tinbidel għal: 'il-fetħa li tgħaddi għal Triq ir-Raddiena'.

38.02.06 (SZ) talab sabiex f' para. 36.02.17 wara ċ-ċifra ta' €100,000.00, tiżdied il-kelma: 'kull sena'.

Prop: (SZ) Sek: (MM)

Minuti 37

38.02.07 (SZ) issuġġerixxa li l-parti mmarkata 37.05.04 tkun tagħmel aktar sens jekk tkun parti mill-intoduzzjoni, filwaqt li l-viċi talab sabiex fl-aħħar jiżdied vers li jgħid: 'L-għan tagħna bħala Kunsill hu li nilħqu l-mira tagħna, jekk iż-żgħażagħ jibqgħu jgħixu ġewwa Birżebbuġa.

Prop: (il-viċi)  Sek: (JBD)

## 38.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

35.03.01 (SE) ippreżentat kopja tal-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash. Il-Kunsill ma sab l-ebda diffikultà u approva kemm l-iskeda tal-pagamenti, kif ukoll tal-petty cash.

Prop: (AC)  Sek: (AC).

## 38.04 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet

38.04.01 (SE) ippreżentat il-kwotazzjonijiet relatati:

- Servizz professjonali ta' Holiculturist – prezz €1,200 + VAT. Inġibdet l-attenzjoni mill-kunsillier (MM), fejn spjegat illi ftit tal-ġranet ilu, fil-presenza tas-Sur Sindku, iltaqgħu ma' Parks (Malta), fejn ġew imwegħda li ser ikunu qegħdin jagħmlu x-xogħlijiet fi Ġnien Indipendenza, min-naħa tagħhom.
- Xiri ta' printer għar-rappreżentanta tad-dipartiment tas-Servizzi Soċjali - Attachment No. 3 – Intercom Euro 180.00 + Euro 57.00 (1500 pages) for toner or Euro 89.00 (3000 pages) for toner
- Hire of skips: Ta' Cassar skips limited - €177.00 (VAT ink)
- Steel works: L-unika kwotazzjoni preżenti li kienet tlaħħaq l-ammont ta' €20,247.62, ma ġietx approvata.
- Re location of pots: Jason Cutajar - €354.00 (VAT ink)

## 38.05 Korrispondenza

38.05.01 Talba minn bejjiegħ tal-ġelat, fuq il-Bajja s-Sabiħa – Il-Kunsill ma approvax din it-talba, b' mod speċjali wara li din l-istess talba kienet ġiet irrifjutata anke mill-Awtorità tal-Ippjannar, b' appell ukoll.

38.05.02 Talba minn kumpanija biex tbiegħ prodotti tal-ikel, ħdejn il-latrina ta' Wied il-Buni – Il-Kunsill ħass li kull applikant għandu jkun konformi mar-regolamenti li jingħatwlu mid-dipartiment tat-Trade.

## 38.06 Mozzjonijiet/ Rakkomandazzjonijiet

38.06.01 NIL

## 38.07 Komunikazzjoni mis-Sindku

38.07.01 Is-Sindku xtaq jistaqsi lil Perit tal-Kunsill għal xix qegħdin inħallsuh, meta l-ebda xogħol ma hu qiegħed isir.

38.07.02 Is-Sala tal-Kunsill – huwa stqarr li lil pulizija qatt ma jarahom ' l hawn. Il-pulizija m'għandhomx bżonn din is-sala. Din is-sala, tista' sservi sabiex tkun utilizzata mir-residenti. Fuq dan il-punt (SZ) skuża ruħu u stqarr li hemm l-isketch lest, biex l-uffiċċju jkun jista' jitlob għall-kwotazzjonijiet tal-perspex. (SC) talab lil (SZ) sabiex jibgħat l-isketch, ħalli jaqblu x' materjal ser jużaw.

38.07.03 Is-Sindku talab, li ġaladarba l-Awtorità tal-Ippjanar approvat il-permess għal estenzjoni ta' sular ieħor, fuq il-binja tal-Kunsill, ejjew ħalli naħdmu fuq dan il-permess. (SC) issuġġerixxa li jkellmu lil Perit, sabiex jutilizzaw id-Development Fund, għal dan il-proġett.

38.07.04 Is-Sindku aġġorna lil Kunsill li kien għadu kif tkellem mal-kuntrattur, fuq ix-xogħlijiet marbuta ma' Dawret il-Qalb Imqaddsa. Huwa stqarr li jekk ma tistax issir fix-xhur tas-sajf, qed jissuġġerixxi li tinħadem nofs u nofs, sabiex ix-xogħol jibqa' għaddej. Għaldaqstant, is-Sindku talab lil (SE) biex tikteb lil Infrastructure Malta.

38.07.05 Is-Sindku talab aġġornament mingħand (AC), dwar Triq ir-Raddiena. (AC) wieġeb li l-Perita tal-Kunsill ser tkun qed taħdem fuqa, filwaqt li jidher li m' hemmx bżonn li ssir id-devoluzzjoni tal-art. Il-Perita għandha timla formola għal dan il-proġett. Fuq dan l-aspett (SZ) xtaq li jgħaddi kumment, fejn stqarr li l-kunsillier irrid jibqa' jimbota, sabiex l-affarijiet issiru.

38.07.06 Is-Sindku tkellem ukoll fuq is-sistema tas-CCTVs li għandna mferrxin fil-promenade. Filwaqt li sostna li dawn huma ta' ħtieġa, però qegħdin joħolqu l-problemi. Dan wara li ġie aġġornat mis-(SE) li għal kull talba li qed tidħol l-uffiċċju minn terzi entitajiet, apparti l-Protezzjoni tad-Data, il-fornitur qiegħed jispiċċa jitħallas min-naħa tal-Kunsill, għaliex dawn il-kameras jgħajtu lil Kunsill. Fuq dan l-aspett, il-Kunsill iddeċieda li ma jagħti aċċess lil ħadd. (SZ) ma qabilx, għaliex il-pulizija għanda dritt li titlob għal footage. Huwa semma kif il-kamera fi Triq il-Merżuq, għall-ibins, qiegħda tiffunzjona tajjeb.

## 38.08 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

38.08.01 Is-(SE) tat aġġornament fuq il-qagħda tal-uffiċċju, u talbet lil Kunsill, sabiex jikkonsidra s-sejħa li tinsab preżenti għal skrivan/a fi skala (15) filwaqt li jippubblika sejħa oħra, għal skrivan/a, fi skala (11). Dan sabiex ikun jista' jissostitwixxi lis-(SE), fin-nuqqas tagħha, kif ukoll ikun hands-on għall-iskrivani l-oħra, b' mod speċjali lil accounts u l-permessi marbuta mal-Awtorità tat-Trasport. (SE) spjegat ukoll, kif bin-nuqqas preżenti ta' skrivana li qed tiġi rikoverata u li ma nafux meta ser tirritorna lura, jekk skrivana mill-customer care, tkun bil-leave, filwaqt li l-oħra tinzerta ma tiflaħx, l-uffiċċju jkollu jagħlaq il-bieb, għaliex ma jkunx jista' jipprovdi servizz lin-nies. (SE) fakkret ukoll li skrivana minnhom, fi żmien sentejn ser tkun qed toħroġ bil-penzjoni. (SE) aġġornat lil Kunsill, li ġiet mgħarfa minn Bank lokali li joffrilna servizz, li hemm bżonn li jsir aġġornament fuq l-ismijiet tal-amminstrazzjoni, minħabba li kienu jaqraw fuq ismijiet ta' membri preċidenti. (SE) kompliet tispjega, kif bis-sistema l-ġdida, kull transazzjoni marbuta mal-ħlasijiet, trid tkun approvata min-naħa tagħha, qabel ma jsir il-ħlas. B'din is-sistema ser jibda jkun hemm dewmien għall-ħlasijiet.

Madankollu, il-Kunsill ma laqax din it-talb u talab sabiex jitkompla l-proċess bl-ingaġġ ta' skrivan/a, fi skala (15).

## 38.09 Ħatra tal-Bord tal-għażla ta' skrivan/a (skala 15)

38.09.01 (SE) aġġornat lil Kunsill li l-uffiċċju rċieva erbatax l-applikazzjoni, għal din is-sejħa, li minnhom irriżulta li kien hemm sebgħa, ma dehrux li jikkwalifikaw. Madankollu, (SE) talbet li l-bord jeżamina huwa wkoll l-applikazzjonijiet, sabiex flimkien jikonfermaw min jikwalifika, sabiex jiġi msejjaħ għal interview. Għaldaqstant, b' vot unanimu, il-Kunsill qabel li l-membri tal-bord, għandhom ikunu dawn:

- Is-Sur Hughie Zammit (ekx segretarju eżekuttiv)
- Il-viċi Sindku
- Il-Kunsillier Zammit
- Is-Segretarju Eżekuttiv
- Id-deputat, Segretarju Eżekuttiv

## 38.10 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

38.10.01 (AC) staqsa lil (SZ) fuq il-lampa fi Triq il-Giligejla, filwaqt li (SZ) ressaq it-talba sabiex din l-istess triq, issir *for residents only and to render a service*. (AC) wieġeb li ser tiddaħħal fil-lista tal-proġetti tal-Perita, filwaqt li l-Kunsill qabel li għanda ssir kif ġie mitlub. (SZ) ser ikun qed isegwi din l-approvazzjoni, sabiex jinbeda l-proċess meħtieġ.

38.10.02 Il-proposta ta' Triq it-Tankijiet, sabiex il-parkeġġ jiġi x-xiftjat in-naħa l-oħra tat-triq. (SZ) spjega kif l-uffiċċju kien bagħat ittra lir-residenti, il-parti li tista' taffettwahom, iżda l-maġġoranza li rrispondu ma laqgħux din il-proposta. (AC) qal li din it-triq ma tallokax li jsir parkeġġi fuq iż-żewġ naħat. Iċ-ċermen staqsa lill-kunsilliera jekk jaqblux li l-parkeġġ jiġi xxiftjat in-naħa l-oħra. Id-deċiżjoni finali kienet, li tintalab gwida mingħand l-Awtorità tat-Trasport. (SZ) ser ikun qiegħed jibgħat id-dettalji lill-uffiċċju, sabiex jitlob linja gwida.

38.10.03 Suġġeriment biex issir road hump, fi Triq San Tumas. (AC) stqarr li ġaladarba issa għandna l-kuntrattur, issir lista tar-road humps kollha mitluba u nqabbdu lil dan il-kuntrattur.

38.10.03 Aċċess għall-moll ta' Wied il-Buni – L-Għaqda Sajjieda Dilettanti ltaqgħu mal-kunsillier (SZ) u (AC), fejn talbu, li peress il-berm mhux ser tkun lesta, isiru bollards biex ikunu jistgħu jniżżlu l-affarijiet tagħhom, mill-vetturi, għal fuq id-dgħajjes. Dan ikun operabbli li l-ħanut ikunu jistgħu jidħlu għalih, mis-sebgħa ta' filgħaxija. (CS) staqsa jekk nistgħux nikkonfermaw mal-MTA, x' permessi għandu. Il-viċi qabel biss, jekk isir xi tip ta' qbiel mal-LESA. (SZ) spjega kif din il-proposta hija temporarja. Madankollu l-Kunsill qabel li xejn ma jkun temporarju. (AC) ssuġġerixxa li naraw mal-Awtorità tat-Trasport u l-MTA, x' ser jiddeċiedu.

38.10.04 (SZ) wera sketch tal-proposti tal-One Ways, fil-Qajjenza. Il-Kunsill qabel li jsir meeting mal-Kumitat tal-Qajjenza. (SZ) għandu jgħaddi d-dettalji kollha lill-uffiċċju, sabiex tintbagħat ittra lil dan il-Kumitat.

38.10.05 (SZ) wera stampa bis-suġġeriment, għal motor cycle bay, fil-Bajja s-Sabiħa. Il-Kunsill ma qabilx ma dan is-suġġeriment.

38.10.06 (AC) spjega fuq l-isketch li bagħtu Infrastructure Malta, għal Triq Għar Dalam. Il-Kunsill qabel ma' dan l-isketch, madankollu (SZ) staqsa lil (AC) għaliex parti minna biss minn din it-triq hija indikata li ġejja bil-crash barriers u mhux kollha?

38.10.07 (SZ) ippropona sabiex issir lampa f' dark spot, ġewwa Triq tal-Ġebel. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

38.10.08 (JBD) tkellmet fuq it-talba li ssir checkers zone fi Triq FM Ferretti, kantuniera ma' Triq il-Fossili. (SZ) spjega kif l-ewwel talba li saret għal double yellow line, il-linji saru. Madankollu, kompla jispjega (SZ), issa (JBD) qed tressaq it-talba sabiex isiru bollards fit-truf ta' dawn is-sinjali. Dan mhuwiex ideali, għaliex il-Kunsill ikun irrid jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-vetturi li jintlaqtu magħhom.

38.10.09 Il-viċi ġibed l-attenzjoni lil (AC) kif il-karozza tal-linja (210) qed tieqaf fi Triq il-Port Ħieles, in-naħa t' isfel u m'għadiex titla' għal Triq iċ-Ċief. (AC) ser ikun qiegħed jistaqsi lill-Awtorità.

## 38.11 Proġetti u skemi

38.11.01 (AC) ta aġġornament dwar il-laqgħa li kienet saret mal-Periti tal-Kunsill, fil-presenza ta' (SZ) u (SE). Fuq Triq iż-Żebbuġ, il-Periti għadhom qegħdin jistennew min-naħa tal-Awtorità tat-Trasport. Waqt il-laqgħa, sar ftehim li ssir lista tal-proġetti prospettivi u jitniżżel in-numru ħdejn kull proġett, li jindika l-prijorità ta' dawn il-proġett.

38.11.02 (JBD) talbet lil Kunsill sabiex issir laqgħa ma' Sports Malta u mal-Ministru tal-Edukazzjoni, sabiex jiġu aġġornati l-wegħdi relatati ma' Ġnien il-Kunsill. (SE) ser tkun qed tikteb lil Ministru tal-Edukazzjoni, kif ukoll lis-Segretarju Parlamentari, għall-isports.

38.11.03 Ġie maqbul bejn il-kunsilliera, sabiex jitneħħa t-taraġ ta' ħdejn il-fetħa, ħdejn il-Water's Edge.

38.11.04 (AC) ta aġġornament fuq il-barrier tax-xatt. Huwa semma kif din il-barrier qalet daqqa u għandha bżonn li jsirila orange reflector, purtiera tal-ħadid biex tkun tidher, kif ukoll sleeping policeman, qabel u wara. Kompla jispjega wkoll, kif il-Perita qed taħdem, sabiex it-taraġ ta' biswit il-barrier, isir rampa. (SE) ġibdet l-attenzjoni li ma hemmx tabella li tindika li dik iż-żona hija mgħassa bil-kamera, 24/7.

*Iċ-ċermen talab għal estenzjoni ta' 30 minuta. Il-proponent (AC), is-sekondant (SZ).*

38.11.05 (SZ) spjega fuq il-fondi tal-GAL XLOKK, marbuta ma' Miżura (1) – Restawr tal-Pittura. Il-Kunsill mhuwiex awtorizatt li jagħmel xogħol fuq propjetà tat-terzi. Din il-każ wassal, sabiex il-Kurja tagħmel il-ftehim. Kull proposta għandha tkun joint u jkollha l-community involvement. Il-viċi staqsa lil (SZ) jekk din il-Miżura wasalniex fi stat li ninsewwa. Madankollu, (SZ) wieġeb li ser jibqa' jipprova.

38.11.06 (DP) tkellmet fuq il-korsijiet tal-Life Long Learning. Hija qalet li llum bgħatet emajl li tindika s-suġġetti ta' tagħlim, proposti. Għaldaqstant, iċ-ċermen ipproponhiela, sabiex sal-għada filgħodu, tilħaq tibgħat emajl lil kunsilliera, bis-suġġetti kollha mifthema.

## 38.12 Indafa u ambjent

38.12.01 (MM) resqet talba ta' persuna xjentifika, sabiex jibda jagħmel eżerċizzju ta' tagħlim, bl-istudenti, ġewwa Għar Ħasan. (SE) wieġbet li l-area hija sensittiva, filwaqt li tifforma parti minn Natura 2000. Għaldaqstant, kull proposta tkun trid tintbagħat għall-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi.

38.12.02 (MM) aġġornat lil kunsill, b' diskussjoni li kellha mal-maniġer tal-kuntratti, li kkonfermalaha li skont il-kuntratt tal-latrini pubbliċi, nistgħu nżiedu massimu ta' sagħtejn, fuq kull latrina. Il-kuntrattur, bħal issa, għandu tmien siegħat fuq iż-żewġ naħat u għaldaqstant, nistgħu nżidu erba' siegħat oħra, fuq il-latrina ta' Wied il-Buni. Bejn Lulju u Awwissu, il-latrini jiftħu mis-07:00 sal-22:00. Il-viċi qabel li nżiedu erbgħa siegħat kuljum. Madankollu, il-Kunsill qabel mal-50% variation. (MM) ser tkun qed tinforma lil maniġer tal-kuntratti, b' din id-deċiżjoni.

38.12.03 (MM) tkellmet ukoll, li ġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur tal-knies, li suppost fil-kuntratt għandu wkoll l-obbligu li jaħsel u jbiddel il-boroż tal-bins. Il-maniġer ser ikun qiegħed ikellem lil kuntrattur, u jinformah bl-obbligi tiegħu.

38.12.04 (MM) qablet mal-viċi li għandu jiġi fformat task force, sabiex jaħdmu flimkien fuq il-problemi marbutin mal-Freeport. Għaldaqstant, talbet l-assistenza tal-kunsilliera.

Id-data tagħha għad trid tiġi konfermata.

*20:57 – Is-Sur Sindku skuża ruħu li kellu bżonn jitlaq.*

38.12.06 (JBD) xtaqet li ssir inizzjattiva biex in-nies li jsaqqu b' mod voluntarju l-parti ta' quddiem ir-residenza tagħhom, bħala Green Initiative. Hija ssuġġerit li l-Kunsill jagħmila bħala kumitat u l-persuna tingħata ġieħ, f' Jum Birżebbuġa.

38.12.07 (JB) ġibed l-attenzjoni fuq Ġnien l-Indipendenza, kif lanqas għandu fjura waħda. Huwa spjega kif ra t-tender tal-ġonna u li fih stipulat li l-ewwel mitt iqsari, il-kuntrattur hu obbligat li jieħu ħsiebhom, billi jnaddafhom u jiżra' l-fjuri fihom. Huwa sostna li hemm bżonn li jsir inventarju fuq il-pots kollha, mirja li hawn fil-lokal u inventarju ieħor tad-dog bins.

38.12.08 (SZ) tkellem fuq żewġ postijiet fejn spjega li minħabba li jitqiesu bħala d-dirty corners, bħal Triq l-Għannejja, il-biċċa ta' fuq, jidher biċ-ċar li tal-iscammel qegħdin igezzu ż-żibel, fl-irkejjen.

## 38.13 Attivitajiet

38.13.01 (JBD) tkellmet fuq Jum Birżebbuġa u pproponiet li din is-sena ssir fl-4 ta' Settembru. Talbet ukoll lil kunsilliera, jekk għandhomx xi rikonoxximent. Il-viċi talabha l-kriterji. (JBD) ser tkun qed tibgħat it-template.

38.12.02 Il-viċi fakkar li d-data tal-AGM tar-Reġjun, li kienet tħassret.

38.12.03 Il-viċi fakkar ukoll fuq il-korrispondenza li l-uffiċċju rċieva mingħand l-Għaqda Storja u kultura, Birżebbuġa, fuq il-pedament tat-trunċiera, f' Wied il-Buni. (AC) wieġeb li qed jieħu ħsieb hu.

## 38.14 Kultura, żgħażagħ u sport

38.14.01 (CS) reġgħa fakkar fuq it-talba għal LEDs fil-court, kwotazzjoni għal tmien bankijiet u talba oħra sabiex il-ħaddiema jneħħu l-pole.

38.14.02 (CS) aġġorna lil Kunsill fuq it-talba mingħand l-Aquathlon. Huwa spjega kif sal-lum, minħabba l-COVID, jinsab ipprojbit, għaliex kull attività qed tattira lill-ispettaturi. Madankollu, l-uffiċċju xorta waħda qiegħed iżomm lista u ddettalji ta' min hu interessat, biex jekk is-sitwazzjoni tinbidel, inkunu nistgħu nagħmlu kuntatt magħhom. Il-viċi ġibed ukoll l-attenzjoni, li m' hemmx logo tal-Kunsill. (CS) wieġeb, li ser ikun hemm.

38.14.03 (CS) tkellem fuq it-talba li l-uffiċċju rċieva mingħand All Wheel Drive. Dawn huma forma ta' 4 wheel drive, però l-proposta hija lejn Ottubru.

## 38.15 Materji oħra

38.15.01 (SE) fakkret fil-korrispondenza li ntbagħtet mill-Għaqda Sajjieda Dilettanti, fuq il-Boat Hull Cleaning. Il-Kunsill qabel li għandu jsirilhom tabelli. (SZ) ser ikun qiegħed isegwi din it-talba u ser jibgħat l-artwork lill-uffiċċju.

## 38.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

38.13601 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-disgħa u nofs ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li s-seduta li jmiss, tkun skedata għal nhar il-Ħamis, 8 ta' Lulju, fil-ħamsa ta' waranofsinhar, ġewwa l-binja tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________________ | _________________________ |
| Joseph Farrugia | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |